**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 01/22** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 17 ta' Jannar 2022 |
| **Ħin:** | 5:45pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela- Kunsilliera<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Mill-5:58pm sad-9:35pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **01.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **01.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **01.07** | **Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2022;** |
| **01.08** | ***Performance Bonuses;*** |
| **01.09** | **Deċiżżjonijiet dwar attivitajiet tal-Kunsill;** |
| **01.10** | **Ħaddiema tal-Kunsill;** |
| **01.11** | **Librerija Pubblika;** |
| **01.12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **01.13** | **Mozzjonijiet; u** |
| **01.14** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**01. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji | |

**01. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 11/21 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 01. 2. 1 | 11.12.13 | Chircop | Għandu jiżdied li dawn huma l-premijiet tal-kompetizzjonijiet. | |
| 01. 2. 2 | 11.06.02 | Chircop | Għandu jiżdied li f'dan il-proġett tat sehmha wkoll l-Kunsilliera Dorcas Camilleri. | |
| 01. 2. 3 | 11.11.01 | Chircop | Minflok Triq Ħal Tarxien tiġi Triq fi Sqaq il-Merħla u titneħħa Triq Ħal Tmikki. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2 5 | | Sindku: Ingaġġ ta' żewġ ħaddiema manwali | Is-Sindku resqet it-talba quddiem il-kunsill sabiex toħroġ is-sejħa għall-ingaġġ ta' żewġ ħaddiema manwali fuq bażi part time. Wara diskussjoni, dwar dan kien hemm qbil unanimu. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 6 | 11.02.15 | Fenech: Problema tal-ħamiem | Fenech staqsiet jekk għandniex risposta mingħand l-AKL dwar din il-problema. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dwar dan għadna bla risposta. | Fenech |
| 01. | 2 | 7 | 11.04.01 | Fenech: Magical Garden Event | Fenech qalet li minħabba r-restrizzjonijiet imposti minħabba l-pandemija fl-aħħar ħin, kellha tiġi kanċellata din l-attivita'. Qed nintalbu depożitu tal-krejn peress li kienu qed isiru l-provi qabel l-attivita' | Fenech |
| 01. | 2 | 8 | 11.12.13 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li dan kellu jiġi kanċellat minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija minn naħa tal-MTA. Ser inkunu qed inħallsu €300 depożitu peress li laħqu bdew isiru arranġamenti mużikali u xogħol ieħor li kienu jinvolvu l-ispejjes tal-kor.<br>Chircop żied li l-premijiet relatati mal-Milied intrebbħu kif ġej:<br>1) Tieqa: Emanuel Baldacchino<br>2) Presepju:  Ivan Azzopardi<br>3) Martin Bilocca | Chircop |
| 01. | 2 | 9 | 11.04.02 | Chircop: Arloġġ tal-Knisja | Chircop qal li tkellem mas-sur Joseph Brownrigg fejn talbu li jnaqasslu mill-qawwa tad-dawl, pero xorta għadu mhux kif suppost. | Chircop |
| 01. | 2 | 10 | 11.06.03 | Chircop: Bandist tas-Sena | Chircop qal li l-Banda Żejtun pproponiet lil David Mizzi u Jerome Aquilina sabiex jingħataw dan ir-rikonoxximent | Chircop |
| 01. | 2 | 11 | | ViċiSindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku qalet li l-attivitajiet li kellha pjanati kellhom jiġu mħassra. Dawn kienu l-Pantomima, Ħarġa għal Għawdex kif ukoll il-festin tal-Kids Club. | Viċi-Sindku |

**01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/22. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | | Sindku: Skema ta' Finanzjament għal Krejazzjoni u Spazji Miftuħa | Is-Sindku staqsiet kellniex risposta għala aħna ma ġejniex magħżula. Dwar dan għad m'hemmx konferma bid-dettalji. | Sindku |
| 01 | 3 | 2 | | Sindku: Tender tal-Vann elettriku | Is-Sindku qalet li t-tender issa ħareġ u ser jagħlaq fi Frar. | Sindku |
| 01 | 3 | 3 | | Sindku: Reġjuni | Is-Sindku qalet li fl-ewwel laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar qalulna li ser ikunu qed jag]tuna s-servizz uffiċjal tal-Ħarsien tal-Annimali sabiex jagħmel tlett ġimgħat fil-lokal fejn fost affarijiet oħra jeduka lill-poplu u jara x'hemm bżonn jiġi rranġat. Dwar il-ftehim tal-kirja tat-Tribunal mar-Reġjun Xlokk ġie maqbul li dan għandu jiġġedded sena sena u jiġu avżati li dan il-post irid jiġi ristritturat. | Sindku |
| 01 | 3 | 4 | | Sindku: Laqgħa Pubblika | Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera sabiex malajr kemm jista' jkun jgħaddu r-rapport amministrattiv. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 5 | | Sindku: Misraħ is-Suq | Is-Sindku qalet li x-xogħol mistenni jibda fejn ser tkun qed tinbena mill-ġdid il-latrina kif ukoll isir l-embellishment tal-Misraħ permezz ta' siġar u jingħata wiċċ ġdid ta' tarmak. Dan ġie kkonfermat mill-perit ta' Infrasstruttura Malta li ser jieħu ħsieb il-proġett. Rigward il-proposta li dan il-quddiem għandu jsir parkeġġ taħt l-art, il-Kunsill Konsultattiv għamel s-survey u għaddilna kopja tal-istduji li saru. | Sindku |
| 01 | 3 | 6 | 04 | Sindku: Kuntratt tal-Iskart | Is-Sindku qalet li ser inkunu qed nistaqsu lill-kuntrattur eżistenti sabiex naraw jaċċettax bl-istess kundizzjonijiet li jiġġedded il-kuntratt sakemm ir-Reġjun joħroġ it-tenders il-ġodda. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| **01.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 4 | 1 | | Fenech: Skatepark | Fenech qalet li r-rampi tal-skatepark huma lesti. Staqsiet kif tista' tissolva l-problema tas-siringi li wieħed isib f'din iż-żona. | Fenech |
| 01. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku: Junction box | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser tiġi miżbuha l-junction box fi Triq Bir id-Deheb kantuniera ma' Triq il-Għadam. | Sindku |
| 01. | 4 | 3 | | Caruana Ray: Triq Bugħarbiel | Caruana qal li tressqulu lmenti sabiex din it-triq issir one-way. Wara diskussjoni ġie ssuġerit li għandu isir pjan ħolistiku tal-madwar u tittieħed deċiżżjoni dwar dan il-pjan u mhux dwar triq partikolari. | Sindku |
| **01.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 5 | 1 | | Sindku: Sqaqin | Is-Sindku qalet li t-tisbiħ tal-isqaqin ser ikompli bl-LA tal-WSC ta' Triq San Franġisk hija lesta u tkellimna mal-kuntrattur sabiex isir bil-*printed concrete* . Hemm il-pjan li ssir Triq il-Kunċizzjoni wkoll. | Sindku |
| 1 | 5 | 2 | | Sindku: Triq Toni Zahra | Is-Sindku qalet li far id-drenaġġ f'din it-triq u tkellmet mas-CEO tal-WSC fejn wara evalwazzjoni instab ħsara fil-katusi li din ġiet irranġata. Ser inkunu qed nitkellmu mal-perita sabiex tiġi solvuta l-problema li qed iżomm l-ilma fejn id-*dog park* . | Sindku |
| 1 | 5 | 3 | | Viċi-Sindku: Boroż ħodor | Il-Viċi-Sindku avżat lill-Kunsill li bħalissa boroż ħodor ma hawnx peress li l-GreenPak ma wasslulhomx minn barra. | Viċi-Sindku |
| **01.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: *Gardening Pilot Project* | Il-Viċi-Sindku qalet li intgħażilna bħala kunsill sabiex jinbeda proġett bi prova minn naħa tad-Dipartiment tal-Anzjani sabiex żona fi Ġnien l-Għannejja Żwieten tibda tiġi mħarrsa minn numru ta' anzjani u tfal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Viċi-Sindku |
| 01. | 6. | 2 | | Viċi-Sindku: Weekend Break | Il-Viċi-Sindku qalet li ser isir *weekend break* bejn it-18 u d-19 ta' Frar fil-Paradise Bay Hotel. | Viċi-Sindku |
| **01.** | **7.** | | | ***Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2022;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-estimi finanzjarji għas-sena 2022. Huwa qal li wieħed għandu jinnota żieda sostanzjali fl-ispejjes u nuqqas ta' dħul mill-permessi. | | Segretarju Eżekuttiv |
| **01. 8.** | | ***Performance Bonuses;*** | | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | | **Inkarigat** |
| 01. 8. 1 | | | Ġew diskussi l-*performance bonuses* tal-ħaddiema klerikali u kien hemm qbil unanimu li għandu jingħata l-massimu lil impjegati kollha. | | |
| **01. 9.** | | **Deċiżżjonijiet dwar attivitajiet tal-Kunsill;** | | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | | **Inkarigat** |
| 01. 9. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Saret diskussjoni dwar jekk fil-ġimgħat li ġejjien għandniex naħsbu sabiex norganizzaw iktar attivitajiet minħabba l-pandemija peress li ħafna minnhom qed ikollom jiġu kanċellati. Ma ttiħditx deċiżjoni finali dwar dan. | | |
| **01. 10.** | | **Ħaddiema tal-Kunsill;** | | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | | **Inkarigat** |
| 01. 10. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li s-Sur Frans Camilleri, ħaddiem manwali infurmana li ser jittermina l-impjieg u għalhekk mhux ser ikun ta' servizz. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li għandha toħroġ sejħa għal ħaddiema. Trid tittieħed deċiżżjoni jekk hux żewġ ħaddiema part time. | | |
| **01. 11.** | | **Librerija Pubblika;** | | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | | **Inkarigat** |
| 01. 11. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ġejna dahrna mal-ħajt minħabba sitwazzjoni li ġiet fuqna peress li l-binja tal-librerija ser tkun qed tittieħed mil-iskola.Jekk ma ttitiħidtx il-librerija, l-istudenti l-ġodda li deħlin fi Frar kien ser ikollhom imorru fi skola oħra tal-istess Kulleġġ. Affaċjati b'dan kellha tittieħed deċiżżjoni wara offerta mill-Kap tal-Iskola Primarja B din ser tiġi rilokata temporanjament fis-sala ta' fuq. Bħalissa qed jiġu trasferiti l-kotba u l-ixkaffi. | | |
| **01. 12.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | | **Inkarigat** |
| 01. 12. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/22 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 12. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/22 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 12. 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2021 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €190.05 | | Segretarju Eżekuttiv |
| **01 12** | | **Mozzjonijiet; u** | | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | | **Inkarigat** |
| 01. 12 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa | | |
| **01 13** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:39pm pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar 20021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |